**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 186/23/2AL

**A B C D**

**vs.**

**E F**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 7/2001)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 5 ta' April 2024 li permezz tiegħu il-konvenut ippremetta kif ġej:

*1) Illi huma zzewgu f'Malta fl-11 Frar 2001 liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.*

*2) Illi miz-zwieg taghhom il-komparenti partijiet ma kellhomx tfal.*

*3) Illi l-partijiet ilhom jghixu separati ossia f'indirizzi separati u ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament stante illi t-tnejn jahdmu; l-esponent bhala avukat u l-attrici bhala professur l-Universita' ta' Malta;*

*4) Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet ghaliex jitnaqqas l-iskop tad-dizgwid ta' bejniethom. Minkejja illi llum il-partijiet jgħixu hajja indipendenti minn xulxin, kemm finanzjarjament u kif ukoll emozjonalment, il-waqfien tal-komunjoni jgib il-beneficcju li l-partijiet jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll - a fortiori in vista tal-indipendenza surriferita - li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel;*

*5) Illi għalhekk il-konvenut mhux sejjer issofri xi pregudizzju, u certament mhux ser issofri minn xi pregudizzju sproporzjonat f' kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;*

*6) Illi ma hemmx raguni 'l ghaliex il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti għandu jibqa' fis-sehh.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

i. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-parti u dan a dispozizzjoni tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Tordna illi s-sentenza hekk mghotija tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan a dispozizzjoni tal-artikolu 55(5) tal-istess Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta;*

iii. *Tiddikjara illi l-regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.*

*U dan taht dawk il-provedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha taghti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.*

Rat li l-konvenuta debitament notifikata intavolat risposta fit-18 ta’ April 2024 fejn ppremettiet kif ġej:

*1. Illi m'hemmx kontestazzjoni fir-rigward tal-fatt li l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Frar 2001 u li bejniethom m'hemmx ulied;*

*2. Illi bl-istess mod, l-esponenti tikkonferma li Dr Joseph Ellis abbanduna d-dar matrimonjali fit-23 ta' April 2023;*

*3. Illi sal-lum, il-partijiet kellhom biss seduta wahda mal-Assistent Gudizzjarju Dr Sean Apap Meli, f'liema l-esponenti harrket numru sostanzjali ta' xhieda, inkluz il-banek lokali u d-Direttur tat-Taxxi Interni mil-liema jirrizulta li l-konvenut ghandu kont tat-taxxa pendenti fl-ammont ta' Eur 14,404 ghas-sena bazi 2023;*

*4. Illi qed jingħad li tali kont tat-taxxa huwa tal-konvenut, stante li l-esponenti hija impjegata mal-Universita` ta' Malta, u t-taxxa dovuta minnha titnaqqas direttament mis-salarju taghha mill-istess Universita` u għalhekk tali kont ghandu jithallas esklussivament minnu;*

*5. Illi in oltre, fil-mori u mill-gbir tal-provi ser jirrizulta li l-esponenti ghandha diversi krediti kontra l-komunjoni tal-akkwisti;*

*6. Illi nonostante dan, f'dal-istadju, l-esponenti mhix ser topponi ghat-talba tar-rikorrent ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi mid-data tas-sentenza 'il quddiem jibda japplika r-regim tas-separazzjoni tal-beni;*

*Tant ghandha x’tissottometti l-edponenti f’dal-istadju, a savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.*

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza;[1]

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-azzjoni odjerna

Permezz tar-rikors odjern il-konvenut qiegħed jitlob illi fi sfond tal-proċeduri ta' separazzjoni illi jinsabu pendenti bejn il-partijiet, il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet *a tenur* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Huwa jgħid li l-partijiet ilhom jgħixu separatament u ma jiddependux minn xulxin finanzjarjament u li l-waqfien tal-komunjoni hija fl-interess taż-żewġ partijiet għaliex tnaqqas l-iskop ta' diżgwid bejniethom u b'hekk ma jibqgħux ukoll responsabbli għad-djun ta' xulxin. Huwa jgħid li għalhekk l-ebda parti ma hi ser issofri xi preġudizzju u wisq inqas preġudizzju sproporzjonat f'każ li din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-attriċi minn naħa tagħha tgħid li għalkemm s'issa l-partijiet kellhom biss seduta waħda sabiex iressqu l-provi, hija diġà ħarrket numru sostanzjali ta' xhieda u tgħid li diġà rriżulta kreditu li hija għandha kontra l-komunjoni, kif ser jirriżultaw iktar krediti favur tagħha fil-mori tal-kawża. *Nonostante* dan hija ma toġġezzjonax għat-talba tal-konvenut sabiex tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti u jibda japplika bejn il-partijiet ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni.

## 2. Prinċipji legali:

L-artikolu rilevanti għat-talba odjerna huwa l-artikolu 55 tal-Kap 16 li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

[1] Digriet tad-19 ta' April 2024.

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separatali teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jehtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Dan l-artikolu għalhekk jagħti l-fakultà lil xi parti jew oħra titlob, **f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża** ta' separazzjoni personali bejn l-

istess partijiet, it-terminazzjoni tar-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**[2], illi: "*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Għalkemm kull parti tista' f'kull żmien tal-kawża għalhekk titlob il-waqfien tal-komunjoni, is-sub-inċiz 4 kif ċitat, jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-Qorti għandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati **preġudizzju mhux proporzjonat** bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawża. Jinkombi fuq dik il-parti li topponi t-talba li tressaq provi sodisfaċenti illi bit-terminazzjoni ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat.

Tgħallem il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell *sive* Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**[3] *"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le."*

Għaldaqstant, il-Qorti meta ssirilha talba ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, għandha tilqa' t-talba salv għal dawk il-**każijiet eċċezzjonali** fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra. Kif qalet il-Qorti diversi drabi "*Dan il-preġudizzju mhux proporzjonat, oltre li għandu jkun*

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014.

[3] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-16 ta' Settembru 2014 (Rik. Ġur. Nru. 139/12/RGM).

*ippruvat minn min jallegah, irid ikun abbastanza gravi biex il-Qorti tiżvija mir-regola ġenerali u tabbraċċja l-eċċezzjoni.”* [4]

Għalhekk jinkombi fuq min joġġezzjona illi jipprova illi huwa ser isofri preġudizzju abbastanza gravi iżda ma jitlobx lil min jagħmel it-talba li jimmotiva t-talba tiegħu: *“Hija l-fehma tal-Qorti illi f'rikorsi simili mhux mehtieg li r-rikorrent jimmotiva t-talba tieghu. L-artikolu 55 tal-Kap 16 ma jistipula l-ebda obbligu da parti tar-rikorrent li jimmotiva t-talba tieghu. It-talba ghat-terminazzjoni fil-mori ta' kawza hija motivata bizzejjed fiha innifisha peress li l-hsieb tal-Legislatur kien li pendenti l-kawza tas-separazzjoni il-partijiet ikunu jistghu jibdew jaghmlu atti civili minghajr il-htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra u minghajr il-possibilita` li jghabbu l-komunjoni tal-akkwisti b'dejn addizzjonali. Ghalhekk ghandha tapplika l-massima legali “ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit”.*

Tgħid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Lowell vs Lowell**[5]**:** “...*il-Qorti tosserva li l-ezami li hu rikjest mil-ligi ghad-determinazzjoni ta' tali talba, ma jirrigwardjax ir-raguni wara tali talba, izda jirrigwardja l-punt jekk bl-akkoljiment ta' tali talba fl-istadju li tkun maghmula “xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat”. Fil-meritu, l-attrici fl-oppozizzjoni taghha ghat-talba tal-konvenut kellha l-oneru li tipprova li bl-ordni tal-waqfien ta' tali talba hija ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Dan l-attirici ma rnexxilhiex tipprovah u ghalhekk ma hemmx ostakolu legali biex it-talba tal-konvenut tintlaqa'.”*

L-għan tal-leġiżlatur filfatt kien proprju dak imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** fejn il-Qorti tal-Appell stqarret illi, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk ma jkunx possibbli għall-partijiet illi jgħabbu l-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Jiġi spjegat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**[6] illi “*Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet*

---

[4] Claire Pisani vs Joseph Pisani, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Ottubru 2018 (Rik. Ġur. Nru. 2/15AL).

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-30 t'Ottubru 2015 (Rik. Ġur. Nru. 139/12 RGM).

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019.

*ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli."*

Finalment huwa kruċjali illi wieħed isemmi illi jirriżulta minn dan l-artikolu li l-Qorti, meta ssirilha talba taħt dan l-Artikolu, bl-ebda mod ma tista' f'dak l-istadju taqsam u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti tkun qiegħda biss tikkonsidra x-xoljiment tagħha. Il-qasma u l-assenjazzjoni tagħha jibqgħu materji riżervati għas-sentenza definittiva.

### 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-każ odjern

Il-Qorti f'dan il-każ, għandha quddiemha talba biex tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, u dan relattivament fil-bidu tal-proċeduri ta' separazzjoni bejniethom. Kif kkwotat mill-ġurisprudenza nostrana iktar 'il fuq, il-Qorti tqis illi din it-talba tista' ssir f'kull stadju tas-separazzjoni personali u għalhekk anke jekk il-proċeduri, bħal fil-każ odjern, għadhom fl-istadju inizjali tagħhom, dan ma jwaqqafx lil xi waħda mill-partijiet milli tagħmel din it-talba. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**[7] "*Dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa biss li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-seħħ. Ikun x'ikun l-eżitu tar-rikors odjern, il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti isiru mas-sentenza finali. Il-Qorti, bis-saħħa tal-preżenti, bl-ebda mod mhi ser taqsam u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti ser tkun qiegħda tikkonsidra biss ix-xoljiment tagħha. Il-qasma u l-assenjazzjoni tagħha jibqgħu materji riżervati għas-sentenza definittiva."*

Dan ifisser għalhekk illi għalkemm l-attriċi tgħid li l-provi għadhom fl-istadju inizzjali tagħhom fejn saret biss seduta waħda ta' provi, jekk ir-rikors odjern jiġi akkolt dan ma jaffetwax id-dritt tal-partijiet, illi f'dan l-istadju għadhom ma ġabux il-provi tagħhom, illi jġibu l-provi dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom sal-mument tat-terminazzjoni tagħha. Għalhekk jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġi mwaqqfa, il-ġbir tal-provi dwar l-aspett patrimonjali tal-kawża ma jiġix

[7] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-23 ta' Ottubru 2018 (Rik Nru 2/15 AL).

affettwat *stante* illi mas-sentenza finali l-Qorti tkun teħtieġ illi tillikwida l-istess komunjoni u tassenjaha skont il-Liġi bejn il-partijiet.

Il-Qorti ma hiex obligata tara r-raġuni wara t-tali talba iżda illi b'dan il-pronunzjament l-ebda parti ma hi ser isofri preġudizzju sproporzjonat fil-mori tal-kawża.[8] F'dan il-każ il-konvenuta ma ġabitx provi li billi tiġi pronunzjata t-terminazzjoni tal-komunjoni hija ser issofri xi preġudizzju. Sadanittant hija tista' tkompli ġġib l-evidenza tagħha dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti għaliex *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici*" (*vide* sentenza fl-ismijiet Desiree Lowell *sive* Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell).

Għalkemm l-attriċi ma topponix għat-talba tal-konvenut hija tgħid li mill-provi li diġà ġabet u kif ser jirriżulta mill-kawża, hija għandha diversi krediti kontra l-komunjoni. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ġia ċitata fl-ismijiet **Lowell vs Lowell**: *"Fl-ewwel lok jigi osservat li l-prospett prezentat minnha fejn hemm elenkat fid-dettal assi tal-komunjoni, idghajjef it-tezi attrici f'dan ir-rigward. Dan il-prospett jimmilita kontra t-tezi taghha li hi ghadha qed tiskopri d-dimensjoni tal-komunjoni. Dan qed jinghad peress li l-kontenut ta' dan il-prospett juri li l-attrici ghandha ideja cara u preciza tal-pretensjonijiet taghha fuq dawn l-assi kif ukoll tal-valur rispettivi taghhom. Ghalhekk l-attrici ghandha disponibbli ghaliha l-mezzi moghtija bil-ligi sabiex tikkawtela l-interessi taghha fuq l-istess.... Fit-tielet lok il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga` dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."*

Il-Qorti ttenni l-prinċipju li[9] dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm il-qasma tal-proprjetà tal-partijiet. Għaldaqstant dak kollu illi illum jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, ser jibqa' hekk jappartjeni lill-istess komunjoni,

---

[8] Vide Sentenza fl-ismijiet Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015.

[9] Vide Michelle Gaffiero vs Jesmond Gaffiero, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta' Marzu 2018 (Rik. Ġur. Nru. 223/17/1AL).

irrispettivament minn min ikollu l-pussess tal-istess assi. Dan ifisser illi jekk ikun ippruvat illi xi waħda mill-partijiet għandha fil-pussess tagħha assi li kisbet sat-tmiem tal-komunjoni tal-akkwisti, dawna ser jibqgħu taż-żewġ partijiet u jiġu assenjati skont il-liġi, fid-deċiżjoni finali ta' din il-Qorti.

Anke jekk l-attriċi tiskopri wara l-waqfien tal-komunjoni xi dħul jew assi li ma tkunx konxja tagħhom dan ma jfissirx li sehmha ser ikun żvantaġġjat għaliex il-waqfien iseħħ b'effett mill-futur. Tgħid il-Qorti fil-kawża **Lowell vs Lowell** ġja ċitata *"Il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda preġudizzju għas-sehem tal-attriċi mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, għax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi għal futur u mhux għal dawk l-assi li diġa` daħlu u qegħdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attriċi*."

Għal dawn il-motivi, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ ma jeżistux l-elementi eċċezzjonali meħtieġa *ai termini* tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, sabiex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx. Konsegwentement, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju. Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni.

## DEĊIDE

Għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-konvenut u *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi u dana b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi *in ġudikat,* dan filwaqt li jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin fir-rigward tal-kontenut tal-komunjoni tal-akkwisti, mertu tal-kawża ta' separazzjoni personali bejniethom.

2. Tilqa' t-tieni talba tal-konvenut u tordna illi, *ai termini* ta' l-Artikolu 55(5) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenut jinnotifika, a spejjeż tiegħu, lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza preliminari fi żmien ġimgħa minn meta s-sentenza tiġi dikjarata *res judicata.*

3. Tilqa' t-tielet talba tal-konvenut u tiddikjara illi minn meta dis-sentenza tgħaddi *in ġudikat* ir-reġim applikabbli bejn il-partijiet ikun dak tas-separazzjoni tal-assi.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.